**ID-DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET**

**L-Eżami Tal-Malti għal LSE Supply**

**Ġunju 2025**

## L-ISKEMA TAL-MARKI

| **L-Ewwel Taqsima** | **IL-KOMPONIMENT** | | | | **35 marka** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Imxi mal-iskema ta' marki li ġejja. L-istudenti jridu jagħżlu titlu wieħed. F'din it-taqsima jitnaqqsu l-marki għall-ortografija. F'każ li l-kitba tkun anqas mill-ammont mitlub, naqqas marka għal kull 10 kelmiet nieqsa sa massimu ta' 5 marki.** | | | | | |
| **L-ESPRESSJONI**<br>• *l-użu tal-espressjonijiet*<br>• *l-idjomi*<br>• *il-vokabularju*<br>• *il-punteġġjatura*<br>• *il-binja tas-sentenzi* | Tajjeb ħafna<br>**(5)** | Tajjeb<br>**(4)** | Mhux ħażin<br>**(3)** | Batut<br>**(2)** | Batut Ħafna<br>**(1)** |
| **L-IDEAT FIL-KITBA**<br>• *il-qbil mas-suġġett*<br>• *is-sekwenza minn ħsieb għal ieħor*<br>• *l-istil tal-kitba* | Tajjeb ħafna<br>**(10)** | Tajjeb<br>**(8 )** | Mhux ħażin<br>**(6)** | Batut<br>**(4)** | Batut Ħafna<br>**(0-2)** |
| **L-IŻVILUPP TAL-KITBA**<br>• *imqassma f'paragrafi bid-daħla*<br>• *il-qalba u l-għeluq*<br>• *il-qbil bejn il-partijiet kollha*<br>• *il-ġeneru mħaddem tajjeb*<br>• *fiha l-ammont ta' kliem mitlub* | Tajjeb ħafna<br>**(5)** | Tajjeb<br>**(4 )** | Mhux ħażin<br>**(3)** | Batut<br>**(2)** | Batut Ħafna<br>**(1)** |
| **L-ORTOGRAFIJA** | Ftit li xejn żbalji ortografiċi<br>**(14-15)** | Minn 2-5 żbalji differenti<br>**(11-13)** | Minn 6-10 żbalji differenti<br>**(7-10)** | Minn 11-15-il żball differenti<br>**(4-6)** | Minn 16 sa 20 żball differenti<br>**(0-3)** |

| It-Tieni Taqsima | FEHIM IT-TEST | | 25 marka |
|---|---|---|---|
| **F'din it-taqsima ma jitnaqqsux marki għall-ortografija.** | | | |
| **A** | Tweġibiet tal-mistoqsijiet | | |
| **1.** | B | marka | |
| **2.** | **Tlieta** minn:<br>- Il-pajjiż jaffaċċja effetti devastanti;<br>- Mewt immedjata ta' mijiet eluf ta' persuni;<br>- Radjazzjoni li taffettwa l-ekosistema u lin-nies;<br>- Tkabbir ta' problemi soċjali u ekonomici li jdumu fit-tul. | 3 marki | Iridu jintgħażlu tlieta minn dawn. |
| **3.** | **Tnejn** minn:<br>- Il-pajjiż jitlef il-kontroll ta' ħafna mill-istituzzjonijiet tiegħu;<br>- Il-populazzjoni ssib ruħha fi stat ta' kaos;<br>- Ħafna nies joħorġu minn djarhom, jiġu meqjusa bħala refuġjati. | 2 marki | Iridu jintgħażlu tnejn minn dawn. |
| **4.** | **Tnejn** minn:<br>- Nuqqas ta' riżorsi;<br>- Nuqqas ta' dinjità;<br>- Trawma addizzjonali għall-persuni li għadhom ġejjin minn konfronti ta' gwerra. | 2 marki | Iridu jintgħażlu tnejn minn dawn. |
| **5.** | **Tnejn** minn:<br>- Spiss isiru orfni;<br>- Jiġu esposti għall-vjolenza;<br>- Tneħħi t-tfulija minnhom.<br>- Twaqqaf l-edukazzjoni tagħhom. | 2 marki | Iridu jintgħażlu tnejn minn dawn. |
| **6.** | Ħafna tfal jiġu mħarrġa għal suldati, u dan ikompli jżid fit-trawma psikoloġika tagħhom, li ttul żmien twil. Apparti minn hekk, dawn it-tfal ma jkollhomx l-għarfien neċessarju biex ikomplu jwettqu l-ħolma tagħhom, għax fost l-oħrajn, ma jsibux gwida mill-istess istituzzjonijiet edukattivi konsegwenza tat-tkissir/tal-konflitti. | 2 marki | Jiġu aċċettati tweġibiet oħra li jagħmlu sens. |
| **7.** | **Tlieta** minn:<br>- Jaħdmu fuq miżuri ta' rikonċiljazzjoni;<br>- Jipprovdu għajnuna umanitarja;<br>- Jgħinu lill-pajjiżi milquta biex titrażżan il-gwerra;<br>- Jappoġġjaw lir-refuġjati;<br>- Jindirizzaw l-kwistjonijiet soċjali, psikoloġiċi u | 3 marki | Iridu jintgħażlu tlieta minn dawn. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ekonomiċi. | | |
| **8.** | L-effetti tar-radjazzjoni ma jikkonċernawx biss lill-pajjiż affettwat, iżda jħallu marka globalment, speċjalment f'konnessjoni mal-bijodiversità u l-ħajja tal-annimali. Il-ħsara lill-ekosistemi tista' tkun irreparabbli. Il-komunitajiet jiffaċċjaw problemi ta' għajxien diffiċli u nuqqas ta' servizzi essenzjali bħall-ikel u s-saħħa. Barra minn hekk, il-popolazzjoni tgħaddi minn trawma, u din tista' tolqot il-ġenerazzjonijiet futuri kemm psikoloġikament kif ukoll finanzjarjament. Madankollu, il-pajjiżi għandhom jikkollaboraw biex jipprevjenu dan l-effetti devastanti. | 4 marki | Jiġu aċċettati tweġibiet oħra li jagħmlu sens. |
| **B** | Għarfien il-Lingwa | | |
| **1.** | a. jimpenjaw<br>b. trażżin<br>ċ. rikonċiljazzjoni | 3 marki (marka għal kull waħda) | . |
| **2.** | a. ħila; qawwa; setgħa<br>b. għajxien; eżistenza; kontinwazzjoni tal-ħajja<br>ċ. effett; konsegwenza; riżultat | 3 marki (marka għal kull waħda) | Jiġu aċċettati tweġibiet oħra li jagħmlu sens |
| | | | |

**It-Tielet Taqsima IL-KITBA TA' RAPPORT (80 kelma) 20 marka**

**Imxi mal-iskema ta' marki li ġejja. L-istudenti jridu jagħżlu rapport (i) jew (ii). F'din it-taqsima jitnaqqsu l-marki għall-ortografija. F'każ li l-kitba tkun anqas mill-ammont mitlub, naqqas marka għal kull 10 kelmiet nieqsa sa massimu ta' 5 marki.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Titlu | 3 marki | Ara li jkun titlu sħiħ, jidher b'mod prominenti u jista' jkollu sottotitlu jew isem l-awtur. |
| | L-Ortografija | 5 marki | Titnaqqas marka għal kull żball differenti – massimu sa 5 marki. |
| | Il-Kontenut | 12-il marka | Aċċetta kull kontenut li jagħmel sens u jorbot mat-titlu. |

**Ir-Raba' Taqsima IL-KITBA TA' ITTRA / EMAIL (80 kelma) 20 marka**

**Imxi mal-iskema ta' marki li ġejja. L-istudenti jridu jagħżlu titlu (i) jew (ii). F'din it-taqsima jitnaqqsu l-marki għall-ortografija. F'każ li l-kitba tkun 10% anqas mill-ammont mitlub, naqqas marka għal kull 10 kelmiet nieqsa.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Tqassim | 3 marki | Ara li jkun hemm l-indirizzi mqassma sew, id-data u t-tislima u t-tislija, inkluża l-firma. |
| | L-Ortografija | 5 marki | Titnaqqas marka għal kull żball differenti – massimu sa 5 marki. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Il-Kontenut | 12-il marka | Aċċetta kull kontenut li jagħmel sens u jorbot mat-titlu. |